MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1456/2002/1

***Schembri Brothers and Farrugia Limited***

***vs***

***Michael Delia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm836.63c) rappresentanti l-prezz ta' materjal ta' konkos mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-19 ta' Ottubru 2001 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Beppe Fenech Adami ghan-nom tas-socjeta’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u sitta u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm836.63c), kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Ottubru 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**